VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,637, 13 ta' Settembru, 2016
Taqsima B

A.L. 297 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Technical Design and Technology – B.Sc. (Hons) TDT – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Technical Design and Technology – B.Sc. (Hons) TDT – taħt l-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Fakultà " tfisser il-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Technical Design and Technology – B.Sc. (Hons) TDT;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Technical Design and Technology – B.Sc. (Hons) TDT; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom dawn ir-rekwiżiti speċjali li ġejjin:

(a) għaddew fil-Livell Avvanzat bi grad Ċ jew aħjar fl-Engineering Drawing jew fil-Graphical Communication, għaddew fil-Livell Intermedju bi grad Ċ jew aħjar fil-Fiżika, u għaddew fil-Livell Avvanzat bi grad Ċ jew aħjar fi kwalunkwe suġġett; jew

(b) għaddew fil-Livell Avvanzat bi grad Ċ jew aħjar fil-Fiżika, għaddew fil-Livell Intermedju bi grad Ċ jew aħjar fl-Engineering Drawing u l-Graphical Communication, u għaddew fil-Livell Avvanzat bi grad Ċ jew aħjar fi kwalunkwe suġġett; jew

(ċ) (i) għaddew f'ħames suġġetti bi grad 5 jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, inkluż fl-Ilsien Ingliż u fil-Malti, flimkien mal-Advanced Technicians Diploma tas-City and Guilds of London Institute, jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fl-Electrical Engineering Livell 5, jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fl-Electronic Engineering Livell 5, jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fil-Mechanical Engineering Livell 5, jew kwalifika kkunsidrata bħala ekwivalenti mill-Bord tad-Dħul tal-Università fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord; jew

(ii) għaddew f'ħames suġġetti bi grad 5 jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, inkluż fl-Ilsien Ingliż u fil-Malti, flimkien ma' Advanced Diploma tal-MCAST Livell 4 tal-Istitut tal-Inġinerija u t-Trasport relatata jew mal-Electrical and Electronics Engieering jew mal-Mechanical Engineering; u

(d) ċertifikat li juri li għaddew fil-European Computer Driving Licence (ECDL) Standard Certificate.

(2) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki u jew l-esperjenza li juru lill-Kumitat għad-Dħul tal-Fakultà li jkunu laħqu l-livell akkademiku neċessarju biex isegwu l-Kors bi profitt. L-eliġibbiltà ta' dawn l-applikanti tiġi deċiża mill-Bord tad-Dħul tal-Università fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għad-Dħul tal-Fakultà, wara li tkun saret intervista minn bord maħtur għal dan il-għan.

4. L-applikanti bi kwalifiki oħra li jkunu kkunsidrati bħala suffiċjenti jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżiti speċjali għall-kors kollha jew parti minnhom mill-Bord tad-Dħul tal-Università, fuq il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà.

5. (1) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat in-numru ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbilità tar-riżorsi umani u l-għadd ta' studenti li jistgħu jitħallew jidħlu ġo *workshop* jew laboratorju. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(2) Meta l-għadd tal-applikanti li jistgħu jiġu aċċettati fil-Kors hu ristrett skont il-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, u n-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li il-piż tagħhom ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) il-kwalifiki akkademiċi;
(b) l-esperjenza fil-qasam tad-Disinn Tekniku u t-Teknoloġija; u
(ċ) il-livell milħuq waqt intervista.

(3) Meta jkun hemm aktar minn għaxar postijiet disponibbli, il-bord tal-intervisti għandu jintervista għadd ta' applikanti li jkun 25% aktar mill-għadd ta' postijiet disponibbli. Gruppi oħra ta' applikanti kif deċiż mill-bord tal-intervisti għandhom jiġu intervistati biss jekk il-postijiet kollha ma jimtlewx.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għal dan il-għan, għandu jkun magħmul tal-anqas minn tliet membri mid-Dipartiment tat-Technology and Entrepreneurship Education.

6. Il-Bord tad-Dħul tal-Università, wara li jitlob il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, għandu l-ewwel jikkunsidra l-applikanti eliġibbli li l-kwalifiki tagħhom ġew miksuba fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola jew minn bord tal-eżamijiet ieħor, jekk il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà jkun sodisfatt li l-kwalifiki ppreżentati huma komparabbli fil-kontenut u ekwivalenti għall-livell tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola fl-istess suġġett / suġġetti. Għall-iskop tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki u r-rekwiżiti speċjali tal-kors tagħhom kif stipulat fl-ordinament 3, ġew miksuba sal-31 ta' Awwissu qabel il-bidu tal-Kors għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel. Jekk ikun għad hemm postijiet disponibbli, l-applikanti li jiksbu l-kwalifiki neċessarji kollha u li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċjali tal-kors kollha kif stipulat fl-ordinament 3 wara l-31 ta'Awwissu u qabel it-30 ta' Settembru għandhom ikunu kkunsidrati biex jimtlew il-postijiet li jibqa'.

It-Tul tal-Kors

7. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm ta' Studju

8. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma marbuta li jsegwu it-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju li qegħdin isegwu għall-Grad, sakemm li l-programm ta' studju jkun imfassal skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

9. L-istudenti huma meħtieġa jirreġistraw u jiksbu taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 krettu ECTS.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs

12. Il-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ippubblikata skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.